MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2377/2002

**Avviz Numru 2377/02 AJD**
**Citadel Insurance p.l.c kif surrogate fd-drittijiet tal-assikurat taghha Francis Dimech sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Francis Dimech**

**vs**

**Carmel Fava**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Settembru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u erbgha u sittin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm464.59) rappresentanti danni u spejjes inkorsi mill-atturi in segwitu ghal incident awtomobilistiku li sehh fil-25 ta' Mejju 2001 f'Valletta Road, Mosta bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni GAB 782 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru tar-registrazzjoni GAZ 018 misjuqa minn Luke Dimech u propjeta' ta' Alfred Dimech u assikurata

mas-socjeta' attrici, liema ncident gara unikament tort tal-imprudenza, imperizja, negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da part ital-intimat, u dan prevja dikjarazzjoni li ghall-incident jahti unikament il-konvenut. Bl-ispejjes. Inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Mejju 2002, u bl-imghax mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Edmond Zammit Laferla in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' ta' erba' mija u erbgha u sittin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm464.59), bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Mejju 2002, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.
.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------